FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 22 ta' Mejju , 2002

**Avviz Nru:761/01 PM**

**Ta' Mirana Limited**

**Vs**

**Mario Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet l-hlas ta' tmienja u tmenin Liri Liri Maltin u erba' u tmenin centezmu Lm88.50c Malrtin rapprezentanti bejgh ta' merkanzija;

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba attrici stante hlas;

Ra d-dokuemnti ezebiti;

Sema x-xhieda;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra li s-socjeta' attrici ezebiet kopja ta' zewg invoices datati 23 ta' Lulju tan-1998 u s-si16 ta' Mejju, 1958;

Francis Montanaro, ghas-socjeta' attrici xehed li talab il-hlas diversi drabi u l-konvenut kien al li kien hallas l-ammont kollu dovut. Il-konvenut izda ma gabx prova tal-hlas.

Ghaldaqstant t-Tribunal jichad l-eccezzjonjiet u jilqa' t-talba attrici bl-ispejjes u bl-imghax mit-2 ta' Lulju, 2001.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**